# Il-Fgura fl-imgħoddi

Keziah Ellul

Kont qed inqalleb fuq is-sit soċjali ta' *facebook* u sibt il-profil tas-sur Joseph Gouder. Fil-profil tas-sur Gouder sibt ħafna noti fuq il-ħajja soċjali tal-Fgura li tmur lura diversi snin mħallta ma' numru ta' ritratti li huma kemxejn rari. Sinċerament qatt m'għaddieli minn moħħi li se nsib dan it-tagħrif. Bil-permess ta' Joseph ser naqsam magħkom dawn in-noti u ritratti li nispera jkunu għalikom ta' interess.

## Bejjiegħa ta' dari fil-Fgura

Is-sur Gouder qasam dan it-tagħrif dwar bejjiegħa li kienu jbiegħu l-Fgura fis-snin 40 u 50. Dak iż-żmien, b'kuntrarju għall-ġurnata tal-lum, ma kienx hawn kwantità kbira ta' ħwienet. Kienu jiġu jbiegħu kull kwantità ta' prodotti bħal ħaxix u drappijiet. Tal-fajjenza kellna wieħed Gejtu Enriquez li jidher fir-ritratt. Kien jiġi Gradenz tal-patata, tal-melħ jinbiegħ bis-siegħ, tal-irkotta, tal-qamħirrun kien Ganga minn Ħaż-Żabbar, tal-granita u blokki silġ Bormliż, il-Marokk. Kien jiġi wieħed Kalkariż jbiegħ affarijiet tal-ħjata u kien jgħajjat *kalzetti tal-ħarir.* Dawn kollha kienu jiġu bil-bhima. Kien jiġi bejjiegħ Żejtuni, l-laqam tiegħu kien il-kloppi. Dan kien bejjiegħ tal-ħut u l-iktar li kien ibiegħ kienu rizzi u xi qarnita. Kellna ukoll sennien u ieħor isensel il-kuruni. Jista' jkun hemm iktar però s-sur Gouder kif stqarr huwa stess kien kiteb dawn kollha mill-memorji tiegħu u mhux minn xi riċerka.



## Ħwienet tal-Fgura, fabbriki u bejjiegħa mill-Fgura fis-snin 40-50

It-triq prinċipali dak iż-żmien kienet triq il-Karmnu u tkompli għall-triq Bormla. F'din it-triq kien hemm żewġ ħwienet tal-merċa. Wieħed kien ta' Marija Dimech tad-Dudu u l-ieħor ta' Mari Cutajar ta' Nina. Fin-naħa t' isfel tal-istess triq kien hemm ħanut żgħir tal-ħelu ta' Mena li kien bieb ma' bieb mas-sagristija tal-knisja ta' dak iż-żmien. F'kantuniera fi triq Hompesch kien hemm l-*8th Army Bar* u ħdejh ieħor tal-merċa ta' Konsi fejn wara ttieħed minn Rita Garcia ta' Kupepp. Fl-istess triq ukoll kien hemm minn iniegħel iż-żwiemel u li kien jismu Ġannikol u wara ħadu Karmenu Bonello. Ħdejh Ġużeppi tal-ħadid u Żeppi l-landier. Faċċata ieħor tal-merċa ta' Rita tal-Filju u fil-bidu ta' triq Bormla kien hemm ir-*Rainbow Bar* ta' Kieli Debono l-Iżgiċċ, tal-Pesi ħaddied, Gulija skarpan u Charlie Taylor barbier. Kien hemm Ġanna tal-Ixkief tbiegħ il-ħaxix bil-ħmara. Bar ieħor kien l-isfel ħafna u kien jismu *Edgar's Bar.* Wara xi żmien kien hemm Mari tan-Namru tbiegħ ukoll bil-ħmara ħaxix u fniek. Fit-triq tal-Liedna kien hemm sillar u ħanut ieħor tax-xorb kif ukoll mastrudaxxa, xerrej tal-ħaddid u nġenji li kien Willy Hayman. Dan Hayman kien minn tal-ewwel li bena garaxxijiet kbar fl-1953. Kellna wkoll żewġ fabbriki tal-*bricks* li kienu mmexijja minn Ġużeppi Axisa u oħra mill-familja Grech ta' Kassja. Fi triq il-Karmnu kien hemm ukoll fabbrika tal-madum tal-aħwa Nello.

Ħwienet oħra tax-xorb kien hemm tlieta viċin xulxin fi triq Hompesch fl-inħawi tal-għassa u l-knisja parrokkjali tal-lum. Dawn kienu ħanut tat-te u inbid f'numru 5 fejn kien hemm l-*Emirome,* il-ħanut ta' Portelli ta' Perċitu kif ukoll ta' Mikiel Portelli.

## Kalkari tal-ġir fil-Fgura

Il-Fgura dak iż-żmien kellha diversi kalkari tal-ġir. Skont is-sur Gouder, meta tkellem fuq dan is-suġġett, qal li fl-opinjoni tiegħu l-Fgura kien il-post fejn l-iktar li kienu jinsabu kalkari tal-ġir f'Malta u li kienu jfornu ma' Malta kollha. L-ewwel tagħrif huwa fuq il-kalkara tal-ġir li kienet tinsab fi triq il-Karmnu faċċata ta' triq il-Klerku. Filwaqt li viċin kien hemm oħra ta' Rożu Cutajar imlaqqam Bejbet u li kienet tinfed ma' triq San Xmun min-naħa ta' wara. Persuna li damet ħafna taħdem kien wieħed

jgħidulu l-Kammajsu. Ħaddiema oħra li kienu jaħdmu fiha kien hemm il-Bloqq, Charlie tal-Klieb u ieħor Marozz.

Kalkara oħra kienet fid-daħla fejn ma tinfidx ħdejn il-familja Scerri li kienet ta' Mikiel Mizzi u uliedu li kienu jaħdmu fiha ukoll. Oħra f'din it-triq kienet iżjed l' isfel kienu jsibuha ta' Kalment li mbagħad ħadha Ġużeppi Axisa u uliedu. Wara ħafna snin din kienet ittieħdet minn Ruġġier Mizzi li kien ħu Mikiel Mizzi. Kalkara oħra kienet tinsab fi triq Bormla li kienet ta' Ġanmari Cutajar imlaqqam it-Taljan u li kien mgħejjun minn ċertu Pinu. Kalkara oħra kienet tinsab fi triq Hompesch viċin il-knisja l-qadima li tinsab fi triq il-Karmelitani li din kienet ukoll ta' Ġużeppi Axisa. Jiena personali niftakara tiffunzjona ' il fuq minn 25 sena ilu. Kalkara oħra kienet tinsab fl-inħawi ta' Wied Blandun. Din kienet ta' Indri Dimech u Karmnu Buttigieg.

Il-biċċa 'l kbira tal-ħaddiema li kienu jaħdmu f'dawn il-kalkari kienu mill-Fgura stess. Dan kien xogħol ta' tbatija kbira speċjalment minħabba s-sħana tremenda li kienu jagħmlu dawn il-kalkari. Kważi l-ħaddiema kollha li qattgħu s-snin jaħdmu f'dawn il-kalkari m'għadhomx magħna. Gouder isemmi bosta ismijiet fosthom Indri Dimech, Lonz Cachia u uliedu, Salvu Cutajar, Pullu Gatt, Toni Calleja l-Velenuż, Karmnu Buttigieg, Mikiel Magro l-Għawdxi u Ġużeppi Garcia l-Kupepp fejn wara xi żmien kien ħa kalkara oħra fl-Imrieħel.

### Merħliet fil-Fgura

Fil-Fgura dak iż-żmien kienu jeżistu ħafna mqajjel b'merħliet tal-mogħoż. Fi triq il-Karmnu biss kien hemm xi sitt raħħala. Sabiex tinqered il-marda komuni tad-deni rqiq, il-gvern Laburista ta' dak iż-żmien kien jibdel tnax-il mogħża ma' baqra i kien jimporta mill-Irlanda, Guernsey jew Alderney.

Bosta raħħala mill-Fgura kienu jieħdu ftit mill-merħla tagħhom lejn l-ibliet tal-Kottonera sabiex ibiegħu l-ħalib billi kienu jaħilbuhom barra l-bieb tagħhom. Uħud mir-raħħala kienu jieħdu l-ħalib f'maħżen fi triq il-Karmnu biex minn hemm kienu jiehduh id-*depot* tal-MMU biex jiġi pasturizzat.



### Toroq fil-Fgura

Dawn huma l-ftit toroq li jsemmi Joseph Gouder u li kienu jiffurmaw ir-raħal tal-Fgura dak iż-żmien ftit wara l-gwerra. It-triq prinċipali li llum jisimha triq Hompesch dak iż-żmien kien jisimha triq Bajada. Kienet tibda' mill-kappella sal-mina ta' Hompesch. Minn wara l-kappella sa Raħal Ġdid kienu jsibuha bħala triq tal-Liedna. Mill-mina ta' Hompesch saż-Żejtun kienet triq Bormla jew taċ-Ċawsli kif għadha magħrufa sal-lum. Mill-mitħna sa Ħal Tarxien kienet triq Żabbar u wara ġiet triq id-Dejma kif inhi llum. Mill-mina lejn is-sur kien jissejjaħ ta' Kubrituwwa.



L-inħawi ta' triq San Tumas in-naħa ta' Bormla kien jissejjaħ tal-Blat. Żewġ toroq antiki u li għadhom bl-istess isem sal-lum huma triq il-Karmnu u triq San Xmun. Dawn iż-żewġ toroq juru kemm il-Fgura u l-Madonna tal-Karmnu ilhom marbuta flimkien.

### Niċeċ fil-Fgura

Jidher li fil-Fgura dak iż-żmien kien hawn tliet niċeċ u li fortunatament dawn għadhom fi stat tajjeb ħafna sal-lum. L-eqdem niċċa li hawn ġewwa l-Fgura twaqqfet fis-sena 1872 u hija ddedikata lil Madonna tal-Grazzja. Niċċa oħra tinsab fi triq San Xmun u hija ddedikata lil Sant Antnin. Niċċa oħra li tinsab fil-Fgura hija dedikata lil Madonna tal-










Karmnu u li tinsab fi triq Hompesch kantuniera ma triq il-Karmnu. Din twaqqfet fl-1955 bħala tifkira tal-kappella li kienet għadha kemm twaqqgħet fl-istess sena. Fl-inħawi jingħad ukoll li kien hemm niċċa oħra dedikata lil Sant Antnin.

### Il-Festa tal-Madonna tal-Karmnu fis-snin 40-50

Il-festa tal-Fgura f'dak iż-żmien kienet ħafna differenti minn kif tiġi ċċelebrata llum. Meta kien għadu ma wasalx id-dawl elettriku fil-Fgura kienu jintużaw ħafna fjakkoli u tazzi żgħar ikkuluriti li kienu jinxtegħlu biż-żejt l-aktar mal-galleriji fi triq il-Bajada u triq il-Karmnu. Fuq bini terran u xi rziezet kienu jintużaw fjakkoli li kienu jkunu bottijiet bil-ħamrija u pitrolju. Kienu jintużaw l-iktar fi żmien Dun Ġużepp Zerafa li kien l-aħħar



rettur tal-kappella qabel ġew il-patrijiet Karmelitani fil-Fgura.

Il-ftit toroq li kien hawn kienu jiġu mżejna bi bnadar u xi ftit karti tal-liedna. Kienet tiġi mistiedna banda waħda biss, dik ta' Ħaż Żabbar (m'għandniex tagħrif liema waħda kienet). Kien jintrama planċier fil-bidu ta' triq Bormla u kienet idoqq fuqu. Darba minnhom ma kinux inġabru flus għall-banda u minflok kienu ġew xi *boyscouts*. Kien hawn il-vara l-antika li kienet maħduma minn Wistin Camilleri u li kienet irregalata mill-familja Cumbo.

### Id-dawl elettriku fl-1947

Ser nitkellmu issa fuq id-dawl elettriku. Wara l-kappella l-antika li kien kollhu għelieqi u siġar tal-bajtar, kienu għamlu *transformer* fuq erba' arbli għoljin viċin fejn bħalissa hemm il-każin tal-banda. Kien Leli Bianco, tifel imlaqqam ta' Kristofnu, li xegħel swiċċ biex ta d-dawl lir-raħal bi ftit djar u lit-toroq permezz ta' bozoz mwaħħlin fuq arbli. Id-dawl tat-toroq kien jinxtegħel minn swiċċ impoġġi f'kaxxa mal-ewwel bini fi triq Hompesch. Kien jixegħlu Salvu Garzia l-Kazajz u wara ħafna snin intriga Anġlu Falzon. Sabiex jiġi inawgurat id-dawl elettriku fil-Fgura kienet saret ċerimonja qasira bis-sehem tal-patrijiet u fil-preżenza tal-Prim Ministru Pawlu Boffa.

### Għeluq

Nixtieq nirringrazzja lis-sur Joseph Gouder li ħallieni nwassal dan it-tagħrif. Għandu iktar informazzjoni u ritratti dwar il-Fgura fl-imgħoddi.

Inkomplu fil-ħarġa tas-sena d-dieħla.